E2003C0197(01)



**DEĊIŻJONI TA' L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TA' L-EFTA**

**Nru 197/03/COL**

**tal-5 ta' Novembru 2003**

**li temenda għad-disgħa u tletin darba r-regoli ta' proċedura u ta' sustanza fil-Qasam ta' l-Għajnuna mill-Istat billi jiddaħħal kapitolu ġdid 34 Rati ta' Referenza u rati ta' tnaqqis u rati ta' imgħax li għandhom jiġu applikati meta tkun irkuprata għajnuna mill-istati mhux skond il-liġi**

L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TA' L-EFTA,

WARA LI KKUNSIDRAT il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea [1], b'mod partikolari l-Artikoli 61 sa 63 u l-Protokoll 26 tiegħu,

WARA LI KKUNSIDRAT il-Ftehim bejn l-Istati ta' l-EFTA dwar it-twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja [2], b'mod partikolari l-Artikoli 24, l-Artikolu 5(2)(b) u l-Artikolu 1 f'Parti I tal-Protokoll 3 tiegħu [3],

BILLI skond l-Artikolu 24 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, l-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA għandha ġġib fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim taż-ŻEE dwar l-għajnuna mill-Istat,

BILLI, skond l-Artikolu 5(2)(b) tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti l-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA għandha toħroġ avviżi jew linji-gwida dwar materji li jinsabu fil-Ftehim ŻEE, jekk dak il-Ftehim jew il-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti b'mod espliċitu jistipulaw hekk jew jekk l-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA thoss li jkun hekk meħtieġ,

TFAKKAR dwar ir-Regoli ta' Proċedura u ta Sustanza fi'l-Qasam ta' l-Għajnuna mill-Istat [4] adottata fid-19 ta' Jannar 1994 mill-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA [5].

BILLI, fit-8 ta' Mejju 2003, il-Kummissjoni Ewropea ippubblikat Komunikazzjoni ġdida dwar ir-rati ta' l-interessi li għandhom jiġu applikati meta tkun trid tinġabar lura għajnuna ta' l-istat li ma tkunx mogħtija skond il-liġi [6],

BILLI din il-Komunikazzjoni hija wkoll rilevanti għaż-Żona Ekonomika Ewropea,

BILLI l-applikazzjoni uniformi tar-regoli taż-ŻEE dwar l-Għajnuna mill-Istati għandha tkun żgurata madwar iż-Żona Ekonomika Ewropea kollha,

BILLI, skond il-punt II taħt l-intestatura "ĠENERALI" fi tmiem l-Anness XV mal-Ftehim ŻEE, l-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA għandha tadotta, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni, atti li jikkorrispondu ma' dawk adottati mill-Kummissjoni Ewropea,

BILLI dak li qabel kien il-Kapitolu 33.2 tal-Linji-Gwida ta' l-Għajnuna mill-Istat dwar Rati ta' Imgħax ta' Referenza għandu x'jaqsam ma' rati ta' imgħax u għalhekk għandu jsir parti mill-istess kapitolu bħad-dispożizzjonijiet għar-rati ta' l-imgħax li għandhom jiġu applikati għall-irkupru ta' għajnuna mogħtija mhux skond il-liġi,

WARA li kkonsultat lill-Kummissjoni Ewropea,

FIL-WAQT LI TFAKKAR li l-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA kkonsultat lill-Istati ta' l-EFTA f'laqgħa multilaterali fl-20 ta' Ġunju 2003 dwar dan l-istess suġġett,

---

[1] Minn issa 'l quddiem imsemmi bħala l-Ftehim taż-ŻEE.

[2] Minn issa 'l quddiem imsemmi bħala l-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti.

[3] Protokoll 3 mal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti kif emendat mill-Istati EFTA fl-10 ta' Diċembru 2001. L-emendi daħlu fis-seħħ fit-28 ta' Awissu 2003.

[4] Minn issa 'l quddiem imsejjħa l-Linji-Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istati.

[5] Ippubblikati l-ewwel darba fil-ĠU L 231, 3.9.1994 u fis-Suppliment ŻEE Nru 32 fl-istess jum, l-aħħar emendi jkunu dawk li saru bid-Deċiżjoni Kollegġjali Nru 196/03/COL tal-5 ta' Novembru 2003, li għadha mhix ippubblikata.

[6] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar rati ta' interessi li għandhom jiġu applikati meta tinġabar lura għajnuna mill-Istati mogħtija mhux skond il-liġi, ĠU C 110, 8.5.2003, p. 21, Corrigendum ĠU C 150, 27.6.2003. p. 3.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

1. Il-Linji-Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istati għandhom ikunu emendati billi jiżdied Kapitolu 34 "Rati ta' referenza u ta' skont, u rati ta' imgħax li għandhom ikunu applikati għall-irkupru ta' għajnuna mogħtija mhux skond il-liġi".
2. Il-Kapitolu 33.2 tal-Linji-Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat għandu jsir il-Kapitolu 34.1. Il-Kapitolu 33.2 għandu jitħassar.
3. It-titolu tal-Kapitolu 33 "dispożizzjonijiet oħra" għandu jinbidel bit-titolu tal-Kapitolu 33.1 u jkun hemm "Tisrif bejn muniti nazzjonali u l-EURO". Kull referenza f'dan il-kapitolu għall-ECU għandha issa tkun lill-Euro. It-titolu tal-Kapitolu 33.1 għandu jitħassar.
4. Il-Kapitolu 34 jista' jinstab fl-Anness I ma' din id-Deċiżjoni.
5. L-Istati ta' l-EFTA għandhom ikunu infurmati permezz ta' ittra, li tkun tinkludi kopja ta' din id-Deċiżjoni u wkoll l-Anness.
6. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tkun infurmata, skond il-punt (d) tal-Protokoll 27 tal-Ftehim ŻEE permezz ta' kopja ta' din id-Deċiżjoni, inkluż l-Anness.
7. Id-Deċiżjoni, inkluż l-Anness I, għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni ŻEE ta' u fis-Supplement ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.
8. Id-Deċiżjoni awtentika tkun dik bil-lingwa Ingliża.

Magħmul fi Brussell, nhar il-5 ta' Novembru 2003.

*Għall-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA*

Einar M. BULL
*President*

Hannes HAFSTEIN
*Membru tal-Kulleġġ*

*ANNESS*

"34. **RATI TA' REFERENZA U RATI TA' TNAQQIS U RATI TA' IMGĦAX LI GĦANDHOM JIĠU APPLIKATI META TKUN IRKUPRATA GĦAJNUNA MILL-ISTATI MHUX SKOND IL-LIĠI**

34.1. RATI TA' IMGĦAX TA' REFERENZA ([1])

(1) Għall-iskop biex tkun sorveljata l-għajnuna mill-Istat kif mitlub mill-Ftehim taż-ŻEE, l-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA tuża diversi parametri, fosthom ir-rati ta' referenza u ta' skont.

(2) Dawk ir-rati jintużaw biex titkejjel l-ekwivalenti ta' l-għotja fl-għajnuna li titħallas bin-nifs u biex ikun ikkalkulat l-element ta' għajnuna li jirriżulta minn skemi ta' sussidju fuq l-imgħax fil-każ ta' self. Jintużaw ukoll meta tkun implimentata r-regola *de minimus* u biex titħallas lura għajnuna illegali.

(3) Ir-rati ta' referenza suppost li jiriflettu l-livell medju ta' rati ta' imgħax mitluba, fid-diversi Stati ta' l-EFTA li huma fil-Ftehim taż-ŻEE, fuq self ta' terminu medju jew twil (minn ħamsa sa għaxar snin), imsaħħa b'sigurtà normali.

(4) Mill-1 ta' April 2000, ir-rati ta' referenza huma ffissati kif ġej:

— ir-rata indikattiva hija definita bħala l-livell tar-rata ta' rendiment ta' bonds tal-Gvern ta' ħames snin, fil-munita li tkun, flimkien ma' premium ta' 25 punt ta' bażi,

— ir-rata ta' referenza tkun meqjusa bħala ugwali għall-medja tar-rati indikattivi rreġistrati fix-xhur preċedenti ta' Settembru, Ottubru u Novembru,

— ir-rata ta' referenza tkun iffissata (mill-2001 'l quddiem) b'effett mill-1 ta' Jannar,

— ir-rata ta' referenza tkun aġġustata għal darb'oħra matul is-sena jekk din tiddiferixxi b'aktar minn 15 % mill-medja tar-rati indikattivi rreġistrati tul l-aħħar tliet xhur magħrufa.

WIEĦED GĦANDU WKOLL JARA LI:

— ir-rata ta' referenza hekk stabbilita hija rata minima li tista' tiżdied meta jinqalgħu sitwazzjonijiet li jinvolvu xi riskju partikolari (per eżempju xi kumpanija f'diffikultà, jew fejn is-sigurtà li normalment tkun meħtieġa mill-banek ma tingħatax).

— l-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA tirriżerva d-dritt, jekk ikun hemm il-ħtieġa li teżamina ċerti każijiet, biex tuża rata ta' bażi iqsar (per eżempju, rata ta' sena Libor), jew rata ta' bażi itwal (per eżempju, ir-rata fuq bond ta' għaxar snin) mir-rata ta' rendiment ta' bonds tal-Gvern ta' ħames snin.

(5) Ir-rati ta' referenza għandhom jitħabbru mill-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA fuq l-Internet fl-indirizz li ġej: www.eftasurv.int

34.2 RATI TA' IMGĦAX LI GĦANDHOM JIĠU APPLIKATI META TIĠI RKUPRATA GĦAJNUNA MOGĦTIJA ILLEGALMENT ([2])

(1) L-Artikolu 14 fil-Parti II tal-Protokoll 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti jistipula li meta jittieħdu deċiżjonijiet negattivi f'każijiet fejn tingħata għajnuna illegali, l-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA għandha tiddeċiedi li l-Istat EFTA ikkonċernat għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jirkupra l-għajnuna mingħand min ikun ibbenefika. L-għajnuna li għandha tingħabar lura għandha tinkludi imgħax b'rata xierqa ffissata mill-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA. L-imgħax għandu jitħallas mid-data ta' meta l-għajnuna illegal tkun tinsab f'idejn min jibbenefika sad-data ta' meta tingħabar lura.

([1]) Dan is-sub-kapitolu jikkorrispondi in parti ma' l-avviż tal-Kummissjoni dwar il-metodu biex jiġu stabbiliti r-rati ta' referenza u ta' skont, ĠU C 273, 9.9.1997, p. 3, li qabel kien il-kapitolu 33.2 tal-Linji-Gwida dwar l-Għajnuna Statali.

([2]) Dan il-kapitolu jikkorrispondi mal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar rati ta' interessi li għandhom jiġu applikati meta tingħabar lura għajnuna mill-Istati mogħtija mhux skond il-liġi, ĠU C 110, 8.5.2003, p. 21, Corrigendum ĠU C 150, 27.6.2003, p. 3.

(2) Fittra lill-Istati Membri ta' l-UE fit-22 ta' Frar 1995, il-Kummissjoni Ewropea stqarret il-fehma li biex jerġa jinkiseb l-*istatus quo*, ir-rati kummerċjali huma ta' kejl aħjar mir-rati legali, tal-vantaġġ li jkun ingħata bla ma jistħoqqlu lil min ikun irċieva għajnuna illegali Għaldaqstant, il-Kummissjoni Ewropea infurmat lill-Istati Membri li f'kull deċiżjoni li tista' tadotta meta tordna l-irkupru ta' għajnuna mogħtija illegalment, hija kienet se tapplika r-rata ta' referenza użata fil-kalkolu ta' l-'ekwivalenti ta' għotja' nett tal-miżuri ta' għajnuna reġjonali bħala bażi tar-rata kummerċjali. Għalhekk, għal ħafna snin kienet saret prattika normali tal-Kummissjoni Ewropea li tinkludi fid-deċiżjonijiet tagħha dwar irkupru, klawżola li titlob li jiġi kkalkolat imgħax fuq il-bażi tar-rata ta' referenza użata għall-kalkolu ta' l-'ekwivalenti ta' għotja' nett ta' l-għajnuniet reġjonali. Fid-9 ta' Settembru 1997, il-Kummissjoni Ewropea adottat avviż li stipula aktar dettalji dwar ir-rati ta' referenza użati għall-kalkolu ta' ħlas lura ta' għajnuna illegali u skopijiet oħra ([1]), li l-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA integrat parzjalment fil-Linji-Gwida dwar l-Għajnuna Statali, ara l-kapitolu 34.1 preżenti ([2]). Il-kwistjoni qamet dwar jekk din ir-rata ta' l-imgħax għandhiex tkun applikata fuq bażi sempliċi jew fuq bażi komposta ([3]).

(3) Skond għadd kbir ta' deċiżjonijiet meħuda mill-ġudizzjarju tal-Komunità ([4]), l-irkupru huwa l-konsegwenza loġika ta' l-illegalità ta' għajnuna. L-għan ta' l-irkupru huwa biex terġa' tinkiseb sitwazzjoni li tkun eżistiet qabel. Billi jħallas lura l-għajnuna, il-benefiċjarju jkun qed jitlef il-vantaġġ mhux mistħoqq li jkun kiseb fuq il-kompetituri tiegħu fis-suq, u l-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni li jkunu jeżistu qabel ma tkun tħallset l-għajnuna jerġgħu jinkisbu. Fil-prattika tas-suq, l-imgħax sempliċi normalment ikun ikkalkulat fejn il-benefiċjarju tal-fondi ma jkollu l-użu ta' l-ammont ta' imgħax qabel tmiem il-perjodu, per eżempju meta l-imgħax jitħallas biss fi tmiem il-perjodu. L-imgħax kompost normalment ikun ikkalkulat jekk f'kull sena (jew perjodu) l-ammont ta' imgħax ikun jista' jiġi kkunsidrat bħala mħallas lill-benefiċjarju u għalhekk ikun jiżdied ma' l-ammont tal-kapital tal-bidu. F'dan il-każ, il-benefiċjarju jaqla' imgħax fuq l-imgħax imħallas għal kull perjodu.

(4) Fil-prattika, it-tip ta' għajnuna li tkun ingħatat u s-sitwazzjoni tal-benefiċjarju individwali jistgħu jkunu differenti. Jekk l-għajnuna tkun tikkonsisti minn kumpens żejjed, il-benefiċċju li l-kumpanija tkun ħadet minnha tista' tiġi assimilata f'depożitu li normalment ikun jiġbed imgħax kompost. Jekk l-għajnuna kienet għajnuna ta' investiment għal ċerta spiża eliġibbli, l-għajnuna setgħet ħadet post sors alternattiv ta' fondi, li wkoll normalment ikun iġorr imgħax kompost b'rati kummerċjali. Jekk l-għajnuna kienet għajnuna ta' ħidma, kien ikollha effetti diretti fuq il-kontijiet tal-profitti u tat-telf, u għalhekk il-karta tal-bilanċ, u dan iwassal biex il-fondi jkunu jistgħu jiġu depożitati Għalhekk, minkejja l-varjetà tas-sitwazzjonijiet, jidher li l-effetti ta' għajnuna mhux skond il-liġi huma li jingħataw fondi lill-benefiċjarju b'kundizzjonijiet simili ta' self fuq terminu ta' żmien medju, li jkun bla imgħax. Għaldaqstant, l-użu ta' imgħax kompost jidher li hu meħtieġ biex il-vantaġġi finanzjarji li joħorġu minn din is-sitwazzjoni jkunu mneħħija għal kollox.

(5) Għaldaqstant l-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA tixtieq tavża lill-Istati EFTA u lill-partijiet interessati li fid-deċiżjonijiet li se jingħataw minn issa 'l quddiem dwar l-irkupru ta' għajnuna mogħtija illegalment, hija se tapplika r-rata ta' referenza użata biex ikun ikkalkulat l-ekwivalenti ta' l-għotja nett ta' għajnuniet reġjonali fuq bażi komposta. Skond il-prattika normali tas-suq, il-kompożizzjoni trid issir fuq bażi annwali. Bl-istess mod, l-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA tistenna lill-Istati EFTA li japplikaw imgħax kompost fit-twettiq ta' deċiżjonijiet ta' rkupru pendenti, sakemm dan ma jkunx kuntrarju għall-prinċipji ġenerali tal-liġi taż-ŻEE."

---

([1]) Avviż tal-Kummissjoni dwar il-metodu biex jitfasslu rati ta' referenza u ta' skont, ara nota tal-qiegħ 1.

([2]) L-Avviż tal-Kummissjoni sussegwenti dwar l-adattamenti tekniċi għall-metodu biex jitfasslu r-rata ta' referenza u ta' skont, ĠU C 241 tas-26.8.1999, p. 9, relatat mad-dħul fit-tielet fażi ta' l-Unjoni Ekonomika u Monetarja fl-1 ta' Jannar 1999 u ma kinitx rilevanti għaż-Żona Ekonomika Ewropea.

([3]) Il-kalkolu ta' imgħax sempliċi juża l-formula = (Kapital × Rata ta' Imgħax × Numru ta' snin). Il-kalkolu ta' imgħax kompost, li jikkomponi fuq bażi annwali juża l-formula: Imgħax = (Kapital (1+Rata ta' l-Imgħax) Għadd tá' snin) — Kapital.

([4]) Ara b'mod partikolari l-Każ C-24/95: *Land Rheinland-Pfalz v. Alcan* [1997] ECR I-1591 u l-Każ T-459/93 *Siemens v il-Kummissjoni* [1995] ECR II-1675.